

32005D0432

14.6.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 151/3

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Ġunju 2005

li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati li jintużaw għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' prodotti tal-laħam għall-konsum mill-bniedem, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 97/41/KE, 97/221/KE u 97/222/KE

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 1616)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/432/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti tal-laħam.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992, li tistabbilixxi l-kriterji ta' saħħet l-annimali u tas-saħħa pubblika li jiggvernaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti li mhumiex suġġetti għal dawn il-kriterji li huma stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità u msemmija fl-Anness A għad-Direttiva 89/662/KEE u, fejn għandhom x'jaqsmu l-patoġeni, għad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, l-aktar l-Artikolu 10(2) (c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli dwar saħħet l-annimali li jiggvernaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali għall-konsum mill-bniedem ⁽²⁾, u l-aktar il-frażi tal-bidu ta' l-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-punt 1 ta' l-Artikolu 8, l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 9(2)(b), l-Artikolu 9(4)(b) u (c) tagħha.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/41/KE tat-18 ta' Diċembru 1996 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa kif ukoll ċertifikat tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' prodotti tal-laħam li jkunu ġejjin mit-tjur, laħam ta' annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet, laħam ta' annimali tal-kaċċa salvaġġi, u laħam tal-fniek ⁽³⁾,

- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/221/KE tat-28 ta' Frar 1997, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali u mudelli ta' ċertifikati veterinarji dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni 91/449/KEE ⁽⁴⁾, tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u r-regoli tal-ħruġ ta' ċertifikati għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam fil-Komunità.

- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE tat-28 ta' Frar 1997, li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam ⁽⁵⁾, tagħmel provvedimenti għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti tal-laħam sakemm dawn il-prodotti jkunu ngħataw trattament xieraq u jkunu konformi mal-kriterji Komunitarji għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja.

- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972, dwar il-problemi ta' l-ispezzjonijiet sanitarji u veterinarji meta jiġu importati annimali bovini, ovini, kaprini u porċini, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi ⁽⁶⁾, tistabbilixxi l-kriterji tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti tal-laħam. Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE ⁽⁷⁾ tipprovdi għat-tħassar tad-Direttiva 72/462/KEE mill-1 ta' Jannar 2006.

⁽¹⁾ ĠU L 62, 15.3.1993, p. 49 Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2004 (ĠU L 72, 11.3.2004, p. 60).

⁽²⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽³⁾ ĠU L 17, 21.1.1997, p. 34.

⁽⁴⁾ ĠU L 89, 4.4.1997, p. 32 Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2004/427/KE (ĠU L 154, 30.4.2004, p. 8).

⁽⁵⁾ ĠU L 89, 4.4.1997, p. 39 Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2004/245/KE (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 72).

⁽⁶⁾ ĠU L 302, 31.12.1972, p. 28.

⁽⁷⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 320.

- (5) Id-Direttiva 2002/99/KE tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali għall-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali biex jintużaw mill-bniedem. Dik id-Direttiva għandha tkun implimentata mill-Istati Membri qabel l-1 ta' Jannar 2005.
- (6) Id-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976, dwar il-problemi tas-saħħa li jolqtu l-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tal-laħam u ta' ċerti prodotti oħrajn li ġejjin mill-annimali ⁽¹⁾, se tibqa' fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2006, meta din titħassar u kwalunkwe definizzjoni ta' prodotti bbażati fuq il-laħam fatti li jkunu ġew adottati qabel l-1 ta' Jannar 2006 għandha tkun tirreferi għad-Direttiva 77/99/KEE.
- (7) Fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2002/99/KE, huwa meħtieġ li jiġu emendati u aġġornati l-kundizzjonijiet Komunitarji tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali kif ukoll il-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni biex jiġu importati fil-Komunità prodotti tal-laħam li jkunu ġejjin minn annimali domestiċi bovini, porċini, ovini, kaprini, ekwini, tjur, annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet, fniek domestiċi, kif ukoll annimali tal-kaċċa salvaġġi.
- (8) Barra minn hekk, għall-ħarsien taċ-ċarezza u l-konsistenza tal-liġi tal-Komunità, jkun xieraq li l-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali jitniżżlu f'mudell waħdieni ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam fil-Komunità.
- (9) Minħabba d-differenzi fil-qagħda tas-saħħa ta' l-annimali f'pajjiżi terzi, jkun xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar it-trattament ta' prodotti tal-laħam li jiġu minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi qabel ma jiġu importati fil-Komunità.
- (10) Għall-ħarsien taċ-ċarezza u l-konsistenza tal-liġi tal-Komunità, huwa xieraq li jitħassru d-Deċizzjonijiet 97/41/KE 97/221/KE u 97/222/KE, u li posthom jittieħed minn din id-Deċizzjoni. Għalhekk, f'din id-Deċizzjoni għandu jkun hemm il-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali u dik pubblika kif ukoll il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni, flimkien mal-lista ta' pajjiżi terzi u t-trattamenti meħtieġa għall-importazzjoni ta' kategoriji varji ta' prodotti tal-laħam fil-Komunità.
- (11) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għandhom jgħoddu mingħajr preġudizzju għall-kriterju tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE tad-29 ta' April 2004 fuq l-approvazzjoni ta' pjani
- għall-monitoraġġ tar-residwu ⁽²⁾, ippreżentati mill-pajjiżi terzi skond id-Direttiva 96/23/KE.
- (12) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997, li tistabbilixxi l-prinċipji li jikkontrollaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq dawk il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽³⁾, tistabbilixxi r-regoli dwar il-verifiki veterinarji fuq il-prodotti ta' l-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi għall-importazzjoni fil-Komunità, kif ukoll għat-transitu minnha, inklużi ċerti kriterji ta' ċertifikazzjoni.
- (13) Fl-interessi tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika u biex jiġi evitat it-tifrix tal-mard ta' l-annimali fil-Komunità, f'din id-Deċizzjoni għandu jiġi stabbilit mudell speċifiku ġdid ta' ċertifikat tas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali. Aktar minn hekk, għandu jiġi pprovdut li t-transitu fil-Komunità ta' kunsinji ta' prodotti tal-laħam għandu jkun awtorizzat biss fejn dawn il-prodotti jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi li l-prodotti tagħhom ma jkunux ipprojbiti milli jidħlu fil-Komunità.
- (14) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi għat-transitu ta' kunsinji ta' prodotti tal-laħam mill-Komunità lejn u mir-Russja, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika ta' Kaliningrad u meta wieħed iqs ukoll il-problemi klimatiċi li ma jippermettux l-użu ta' xi portijiet f'ċertu żmien tas-sena.
- (15) Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE tas-7 ta' Diċembru 2001, li telenka lista ta' postijiet maqbula ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera għal spezzjonijiet veterinarji fuq annimali u prodotti ta' l-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi u li tagħorna r-regoli dettaljati dwar il-verifiki li għandhom isiru mill-esperti tal-Kummissjoni ⁽⁴⁾, tispeċifika l-Postijiet ta' l-Ispezzjoni tal-Fruntiera awtorizzati biex jikkontrollaw it-transitu mill-Komunità ta' kunsinji ta' prodotti tal-laħam lejn u mir-Russja.
- (16) It-trattamenti ta' prodotti tal-laħam tat-tjur li jkunu ġejjin mill-Bulgarija u l-Iżrael u tal-prodotti tal-laħam tal-ħanżir salvaġġ li jkunu ġejjin mill-Isvizzera għandhom jiġu riveduti biex isiru konformi mal-kundizzjonijiet ta' l-importazzjoni li fil-preżent jgħoddu għal-laħam frisk ta' l-ispeċi kkonċernati li jkun ġej minn dawk il-pajjiżi.

⁽¹⁾ ĠU L 26, 31.1.1977, p. 85. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

⁽²⁾ ĠU L 154, 30.4.2004, p. 43. Deċizzjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċizzjoni 2005/233/KE (ĠU L 72, 18.3.2005, p. 30).

⁽³⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 326, 11.12.2001, p. 44. Deċizzjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċizzjoni 2005/102/KE (ĠU L 33, 5.2.2005, p. 30).

(17) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u Saħħet l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-qasam ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali għall-importazzjoni fil-Komunità ta' kunsinji ta' ċerti prodotti tal-laħam, inklużi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew partijiet minn pajjiżi terzi, li minnhom huma awtorizzati l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali, kif ukoll ir-regoli fuq it-trattamenti meħtieġa għal dawk il-prodotti.

2. Din id-Deċiżjoni tgħodd mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 2004/432/KE.

Artikolu 2

Id-definizzjoni ta' prodotti tal-laħam

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, tgħodd id-definizzjoni ta' prodotti tal-laħam hekk kif stabbilita fl-Artikolu 2 (a) tad-Direttiva 77/99/KEE.

Artikolu 3

Il-kundizzjonijiet dwar l-ispeċi u l-annimali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsinji tal-prodotti tal-laħam li huma jimpurtaw fil-Komunità jkunu ġejjin tabilħaqq minn laħam jew prodotti tal-laħam mill-ispeċi jew l-annimali li ġejjin:

- tjur domestiċi ta' l-ispeċi li ġejjin: tjur domestiċi, dundjani, fargħun, wiżż u papri;
- annimali domestiċi ta' l-ispeċi li ġejjin: annimali bovini, inklużi l-*Bubalus bubalis*, il-*Bison bison*, il-ħnieżer, in-nagħaġ, il-mogħoż u s-solipedi;
- annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u fniek domestiċi kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE ⁽¹⁾;
- annimali tal-kaċċa salvaġġi kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE ⁽²⁾.

Artikolu 4

Il-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali b'rabta ma' l-orijini u t-trattament tal-prodotti tal-laħam

Suġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-orijini u t-trattament tal-prodotti tal-laħam, kif stabbilit fl-Anness I, l-Istati Membri jawtorizzaw

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 41.

⁽²⁾ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 35.

l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam li jkunu ġejjin jew mill-pajjiżi terzi jew inkella mill-partijiet tal-pajjiżi terzi li ġejjin:

- il-pajjiżi terzi li jidhru fil-Parti 2 ta' l-Anness II, jew il-partijiet tal-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness;
- il-pajjiżi terzi li jidhru fil-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II, jew il-partijiet tal-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

Artikolu 5

Il-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika marbuta mal-laħam frisk li jintuża fil-produttjoni tal-prodotti tal-laħam li jkunu se jġu impurtati fil-Komunità

L-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam li jkunu ġew minn laħam frisk li jkun konformi mal-kriterji Komunitarji tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni ta' dan il-laħam fil-Komunità.

Artikolu 6

Iċ-ċertifikati dwar saħħet l-annimali u dik pubblika

Il-kunsinji tal-prodotti tal-laħam għandhom ikunu konformi mal-kriterji tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali muri fl-Anness III.

Iċ-ċertifikat għandu jakkumpanja l-kunsinja tal-prodotti tal-laħam u għandu jimtela u jiġi ffirmat kif suppost mill-veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz li qed jesporta.

Artikolu 7

Il-kunsinji ta' prodotti tal-laħam fi transitu jew li jinħażnu fil-Komunità

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsinji tal-prodotti tal-laħam, li jidhru fil-Komunità u li jkunu maħsuba għal pajjiż terz, sew permezz ta' transitu immedjat kif ukoll wara żmien ta' ħażna skond l-Artikolu 12 (4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, u li ma jkunux maħsuba għall-importazzjoni fil-Komunità, jkunu konformi mal-kriterji li ġejjin:

- jridu jkunu ġejjin mit-territorju ta' pajjiż terz jew ta' parti minn pajjiż terz li huwa mniżżel fl-Anness II, u jridu jkunu għaddew mit-trattament minimu għall-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam ta' l-ispeċi kkonċernati previsti fih,
- għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali għall-ispeċi kkonċernati kif murija fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali mniżżla f'Anness III,
- jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal stabbilit skond il-mudell li hemm fl-Anness IV, ffirmat minn veterinarju uffiċjali tas-servizzi veterinarji kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat,

- d) għandhom ikunu ġew iċċertifikati bħala aċċettabbli għat-transitu jew il-ħażna (skond kif xieraq) fuq id-Dokument Veterinarju Komuni tad-Dħul mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' l-ispezzjonijiet fil-fruntiera minn fejn dawn ikunu daħlu fil-Komunità.

Artikolu 8

Deroga għal ċerti destinazzjonijiet fir-Russja

1. B'deroga mill-Artikolu 7, l-Istati Membri jawtorizzaw it-transitu fil-Komunità, fuq it-toroq jew bil-ferrovija, bejn il-postijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera magħżula mill-Komunità u mniżżla fl-Anness għad-Deċiżjoni 2001/881/KE, ta' kunsinji ta' prodotti tal-laħam li jkunu ġejjin minn u ddestinati lejn ir-Russja, direttament jew permezz ta' pajjiż terz ieħor, sakemm dawn ikunu konformi mal-kriterji li ġejjiin:

- il-kunsinja għandha tkun issiġillata b'siġill li fuqu jidher in-numru tas-serje li jkun ingħata mill-uffiċjal veterinarju ta' l-awtorità kompetenti tal-Post ta' l-Ispezzjoni fil-Fruntiera minn fejn din tkun iddaħħlet fil-Komunità,
- id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinja u li huma msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu ttimbrati "BISS GĦAT-TRANSITU LEJN IR-RUSSJA MILL-KE" fuq kull faċċata mill-veterinarju uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti tal-Post ta' l-Ispezzjoni fil-Fruntiera minn fejn din tkun iddaħħlet fil-Komunità,
- għandu jkun hemm konformità mal-kriterji tal-proċedura stabbiliti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE,
- il-kunsinja għandha tiġi ċċertifikata fuq id-Dokument Veterinarju Komuni tad-Dħul bħala waħda aċċettabbli għat-transitu mill-Veterinarju Uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti tal-Post ta' l-Ispezzjoni fil-Fruntiera minn fejn din tkun iddaħħlet fil-Komunità.

2. L-Istati Membri ma jawtorizzawx il-ħatt jew il-ħażna, kif definit fl-Artikolu 12 (4) jew l-Artikolu 12 (4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fil-Komunità ta' kunsinji bħal dawn.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu għamli verifiki regolari biex jiġi żgurat li n-numru ta' kunsinji u l-kwantitajiet tal-prodotti li jħallu l-Komunità jkunu jaqblu man-numru u l-kwantitajiet li jkunu daħlu.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet transitorji

L-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' kunsinji ta' prodotti tal-laħam li jkunu ġew ċċertifikati skond il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 97/41/KEE jew 97/221/KEE għal perijodu ta' 6 xhur mill-16/VI/2005.

Artikolu 10

Tħassir

Id-Deċiżjonijiet 97/41/KE, 97/221/KE u 97/222/KE huma mħassra.

Artikolu 11

Data ta' l-applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tgħodd mis-17 ta' Ġunju 2005.

Artikolu 12

Indirizzi

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar it-3 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

1. Il-prodotti tal-laħam li jkunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew mill-partijiet ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 4 għandu jkun fihom laħam li huwa eliġibbli biex jiġi impurtat fil-Komunità bħala laħam frisk u/jew prodotti tal-laħam ġejjin minn waħda/wieħed jew iktar mill-ispeċi jew annimali li jkunu għaddew minn trattament mhux speċifiku kif stabbilit fil-Parti 4 ta' l-Anness II.
2. Il-prodotti tal-laħam li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 4 għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin f(a), (b) jew (c):
 - a) il-prodotti tal-laħam għandhom:
 - i) jkun fihom laħam u/jew prodotti tal-laħam ġejjin minn speċi waħda jew minn annimal wieħed kif stabbilit taħt il-kolonna rilevanti fil-Parti 2 u 3 ta' l-Anness II, li tkun turi l-ispeċi jew l-annimal ikkonċernat/a; u
 - ii) jkunu ġew suġġetti għal ta' l-anqas ir-reġim tat-trattament speċifiku meħtieġ għal-laħam ta' daww l-ispeċi jew annimali, kif stabbilit fil-Parti 4 ta' l-Anness II; jew
 - b) il-prodotti tal-laħam għandhom:
 - i) ikun fihom laħam frisk, ipproċessat jew parzjalment ipproċessat minn aktar minn speċi waħda jew annimal wieħed kif elenkat taħt il-kolonna rilevanti tal-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II, li jitħallat qabel ma jgħaddi mit-trattament finali kif stabbilit fil-Parti 4 ta' l-Anness II; u
 - ii) it-trattament finali msemmi f(i) għandu jkun ta' l-anqas ugwali għat-trattament l-aktar iebes stabbilit fil-Parti 4 ta' l-Anness II, għal kwalunkwe kostitwenti individwali ta' laħam għall-ispeċi jew l-annimali kkonċernati, kif elenkat taħt il-kolonna rilevanti fil-Parti 2 u 3 ta' l-Anness II; jew
 - ċ) il-prodotti finali tal-laħam għandhom:
 - i) jiġu mħejjija bit-taħlit ta' laħam li jkun ġie ttrattat qabel u li ġej minn aktar minn speċi waħda jew annimal wieħed; u
 - ii) it-trattament ta' qabel imsemmi f(i), li kull laħam kostitwenti jrid ikun għadda minnu, għandu jkun ta' l-anqas ugwali għat-trattament rilevanti stabbilit fil-Parti 4 ta' l-Anness II għall-ispeċi jew l-annimali tal-laħam ikkonċernati, kif stabbilit taħt il-kolonna rilevanti.
3. It-trattamenti elenkati fil-Parti 4 ta' l-Anness II għandhom ikunu l-kundizzjonijiet minimi ta' pproċessar aċċettabbli, fejn tidħol is-saħħa ta' l-annimal, għal-laħam li jkun ġej mill-ispeċi jew l-annimali kkonċernati li jkun ġejjin mill-pajjiżi terzi jew mill-partijiet ta' pajjiżi terzi mniżżla fl-Anness II.

ANNEX II

PARTI I

Deskrizzjoni tar-territorji mqasma f'reġjuni kif stabbiliti għall-pajjiżi mniżżla fil-partijiet 2 u 3

Pajjiż	Territorju		Deskrizzjoni tat-territorju
	Kodiċi	Verżjoni	
L-Arġentina	AR	01/2004	Il-pajjiż kollu
	AR-1	01/2004	Il-pajjiż kollu, ħlief il-Provinċji ta' Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego
	AR-2	01/2004	Il-Provinċji ta' Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego
Il-Bulgarija	BG	01/2004	Il-pajjiż kollu
	BG-1	01/2004	Kif deskritt fl-Anness II, il-Parti I, għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE ⁽¹⁾ (kif emendata l-aħħar)
	BG-2	01/2004	Kif deskritt fl-Anness II, il-Parti I, għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar)
Il-Brażil	BR	01/2004	Il-pajjiż kollu
	BR-1	01/2004	Kif deskritt fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE ⁽²⁾ (kif emendata l-aħħar)
Is-Serbja u l- Montenegro	CS	01/2004	Il-pajjiż kollu kif deskritt fl-Anness II Parti I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar)
Il-Malasja	MY	01/2004	Il-pajjiż kollu
	MY-1	01/2004	Il-Malasja peniżolari (tal-Punent) biss

⁽¹⁾ ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.⁽²⁾ ĠU L 378, 31.12.1994, p. 11.

PARTI 2

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' dawn il-pajjiżi li minnhom l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam hija awtorizzata fil-Komunità

Ko-diċi ta' l-ISO	Pajjiż ta' l-oriġini jew parti minnu	1. Bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrob-bija fl-irziezet (barra l-ħnieżer)	Ovini/ Kapriini domestiċi	1. Porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrob-bija fl-irziezet (ħnieżer)	Solipedi domestiċi	1. Tjur domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix	Fniek domestiċiu leporidae mrob-bija fl-irziezet	Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq salvaġġi (barra l-ħnieżer)	Ħnieżer salvaġġi	Solipedi salvaġġi	Leporidae salvaġġi (fniek u liebri)	Tjur tal-kaċċa sal-vaġġi	Mammi-feri ta' l-art tal-kaċċa salvaġġi (barra l-ungulati, is-solipedi u l-leporidae)
AR	L-Arġentina AR	C	C	C	A	A	A	C	C	XXX	A	D	XXX
	L-Arġentina AR-1 ⁽¹⁾	C	C	C	A	A	A	C	C	XXX	A	D	XXX
	L-Arġentina AR-2 ⁽¹⁾	A ⁽²⁾	A ⁽²⁾	C	A	A	A	C	C	XXX	A	D	XXX
AU	L-Awstralja	A	A	A	A	D	A	A	A	XXX	A	D	A
BG	Il-Bulgarija BG	D	D	D	A	A	A	D	D	XXX	A	A	XXX
	Il-Bulgarija BG-1	A	A	D	A	A	A	A	D	XXX	A	A	XXX
	Il-Bulgarija BG-2	D	D	D	A	A	A	D	D	XXX	A	A	XXX
BH	Il-Baħrajn	B	B	B	B	XXX	A	C	C	XXX	A	XXX	XXX
BR	Il-Brażil	C	C	C	A	D	A	C	C	XXX	A	D	XXX
	Il-Brażil BR-1	C	C	C	A	A	A	C	C	XXX	A	A	XXX
BW	Il-Botswana	B	B	B	B	XXX	A	B	B	A	A	XXX	XXX
BY	Il-Belarus	C	C	C	B	XXX	A	C	C	XXX	A	XXX	XXX
CA	Il-Kanada	A	A	A	A	A	A	A	A	XXX	A	A	A
CH	L-Isvizzera	A	A	A	A	A	A	A	A	XXX	A	A	XXX
CL	Iċ-Ċili	A	A	A	A	A	A	B	B	XXX	A	A	XXX
CN	Ir-Rep. tal-Poplu taċ-Ċina	B	B	B	B	B	A	B	B	XXX	A	B	XXX
CO	Il-Kolombja	B	B	B	B	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
CS	Is-Serbja u l-Montenegro	A	A	D	A	D	A	D	D	XXX	A	XXX	XXX
ET	L-Etjopja	B	B	B	B	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
GL	Greenland	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	A	XXX	XXX	XXX	A	A	A

Ko-diċi ta' l-ISO	Pajjiż ta' l-oriġini jew parti minnu	1. Bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrob-bija fl-irziezet (barra l-ħnieżer)	Ovini/ Kapriini domestiċi	1. Porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrob-bija fl-irziezet (ħnieżer)	Solipedi domestiċi	1. Tjur domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix	Fniek domestiċiu leporidae mrobbija fl-irziezet	Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq salvaġġi (barra l-ħnieżer)	Ħnieżer salvaġġi	Solipedi salvaġġi	Leporidae salvaġġi (fniek u liebri)	Tjur tal-kaċċa sal-vaġġi	Mammi-feri ta' l-art tal-kaċċa salvaġġi (barra l-ungulati, is-solipedi u l-leporidae)
HK	Hong Kong	B	B	B	B	D	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
HR	Il-Kroazja	A	A	D	A	A	A	A	D	XXX	A	A	XXX
IL	L-Iżrael	B	B	B	B	A	A	B	B	XXX	A	A	XXX
IN	L-Indja	B	B	B	B	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
IS	Islanda	B	B	B	A	A	A	B	B	XXX	A	A	XXX
KE	Il-Kenja	B	B	B	B	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
KR	Il-Korea (Rep.)	XXX	XXX	XXX	XXX	D	A	XXX	XXX	XXX	A	D	XXX
MA	Il-Marokk	B	B	B	B	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
MG	Il-Madagaskar	B	B	B	B	D	A	B	B	XXX	A	D	XXX
MK	L-ex Rep. Jugoslava tal-Maċedonja(Δ)	A	A	B	A	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
MU	Il-Mawrizju	B	B	B	B	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
MX	Il-Messiku	A	D	D	A	D	A	D	D	XXX	A	D	XXX
MY	Il-Malasja MY	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX
	Il-Malasja MY-1	XXX	XXX	XXX	XXX	D	A	XXX	XXX	XXX	A	D	XXX
NA	In-Namibja (1)	B	B	B	B	D	A	B	B	A	A	D	XXX
NZ	In-New Zealand	A	A	A	A	A	A	A	A	XXX	A	A	A
PY	Il-Paragwaj	C	C	C	B	XXX	A	C	C	XXX	A	XXX	XXX
RO	Ir-Rumanija	A	A	D	A	A	A	A	D	XXX	A	A	A
RU	Ir-Russja	C	C	C	B	XXX	A	C	C	XXX	A	XXX	A
SG	Singapor	B	B	B	B	D	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
SZ	Is-Swaziland	B	B	B	B	XXX	A	B	B	A	A	XXX	XXX
TH	It-Tajlandja	B	B	B	B	A	A	B	B	XXX	A	D	XXX

Ko-diċi ta' l-ISO	Pajjiż ta' l-oriġini jew parti minnu	1. Bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrob-bija fl-irziezet (barra l-ħnieżer)	Ovini/ Kapriini domestiċi	1. Porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrob-bija fl-irziezet (ħnieżer)	Solipedi domestiċi	1. Tjur domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix	Fniek domestiċiu leporidae mrobbija fl-irziezet	Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq salvaġġi (barra l-ħnieżer)	Ħnieżer salvaġġi	Solipedi salvaġġi	Leporidae salvaġġi (fniek u liebri)	Tjur tal-kaċċa sal-vaġġi	Mammi-feri ta' l-art tal-kaċċa salvaġġi (barra l-ungulati, is-solipedi u l-leporidae)
TN	It-Tuneżija	C	C	B	B	A	A	B	B	XXX	A	D	XXX
TR	It-Turkija	XXX	XXX	XXX	XXX	D	A	XXX	XXX	XXX	A	D	XXX
UA	L-Ukraina	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	A	XXX	XXX	XXX	A	XXX	XXX
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika	A	A	A	A	A	A	A	A	XXX	A	A	XXX
UY	L-Urugwaj	C	C	B	A	D	A	XXX	XXX	XXX	A	D	XXX
ZA	L-Afrika t'Isfel ⁽¹⁾	C	C	C	A	D	A	C	C	A	A	D	XXX
ZW	Iż-Żimbabwe ⁽¹⁾	C	C	B	A	D	A	B	B	XXX	A	D	XXX

⁽¹⁾ Ara l-Parti 3 ta' dan l-Anness għall-kriterji minimi tat-trattament li jgħoddu għall-prodotti tal-laħam pasturizzati u l-biltong.

⁽²⁾ Għall-prodotti tal-laħam imhejjja minn laħam frisk ta' annimali mbiċċra wara l-1 ta' Marzu 2002.

(Δ) L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: kodiċi proviżorju li ma jaffettwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li għandha tiġi attribwita wara l-konklużjoni tan-negozjati li bħalissa għaddejjin fin-Nazzjonijiet Uniti.

XXX L-ebda ċertifikat ma għie stabbilit u l-prodotti tal-laħam li fihom il-laħam ta' din l-ispeċi mhumiex awtorizzati.

PARTI 3

Pajjiżi Terzi jew partijiet minnhom li mhumiex awtorizzati taħt ir-reġim tat-trattament non-speċifiku (A) iżda li minnhom il-biltong/jerky jew il-prodotti ppasturizzati tal-laħam huma awtorizzati għall-importazzjoni fil-Komunità

Ko-diċi ta' l-ISO	Pajjiż ta' l-oriġini jew parti-minnu	1. Bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija fl-irziezet, barra l-ħnieżer	Ovini/ Kaprieni domestiċi	1. Porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija fl-irziezet (ħnieżer)	Solipedi domestiċi	1. Tjur domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa birrix imrobbija fl-irziezet	Fniek domestiċi u leporidae mrobbija fl-irziezet	Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq salvaġġi (barra l-ħnieżer)	Ħnieżer salvaġġi	Solipedi salvaġġi	Leporidae salvaġġi (fniek u fniek salvaġġi)	Tjur tal-kaċċa salvaġġi	Mammiferi ta' l-art tal-kaċċa salvaġġi (barra l-ungulati, is-solipedi u l-leporidae)
AR	L-Arġentina	F	F	XXX	XXX	XXX	A	XXX	XXX	XXX	A	XXX	XXX
NA	In-Namibja	E	E	XXX	XXX	E	A	XXX	XXX	A	A	E	XXX
ZA	L-Afrika t'Isfel	E	E	XXX	XXX	E	A	XXX	XXX	A	A	E	XXX
ZW	Iż-Żimbabwe	E	E	XXX	XXX	E	A	XXX	XXX	E	A	E	XXX

PARTI 4

Interpretazzjoni tal-kodiċi fit-tabelli li jidhru fil-partijiet 2 u 3

IT-TRATTAMENTI MSEMMIJA FL-ANNESS I

Ir-regim tat-trattament non-specifiku:

A = Fejn tidħol is-saħħa ta' l-annimali, għall-prodotti tal-laħam m'hemm speċifikat l-ebda tempertaura minima jew inkella xi trattament ieħor. Madankollu, il-laħam irid ikun għadda minn trattament b'tali mod li l-wiċċ tiegħu, meta dan jitqatta', ma jkollux aktar il-karatteristiċi ta' laħam frisk, u li l-laħam frisk li jkun użat għandu jkun konformi wkoll mar-regoli dwar saħħet l-annimali li jgħoddu għall-esportazzjoni ta' laħam frisk lejn il-Komunità.

Reġimi ta' trattament speċifiku – elenkati fl-ordni ta' severità mill-ogħla sa' l-iċken:

B = Trattament f'kontenitur b'siġill ermetiku sa valur F_0 ta' tlieta jew aktar.

C = Temperatura minima ta' 80 °C li għandha tintlaħaq fil-laħam kollu matul l-ipproċessar tal-prodott tal-laħam.

D = Temperatura minima ta' 70 °C li għandha tintlaħaq fil-laħam kollu matul l-ipproċessar tal-prodotti tal-laħam, jew għall-perżut nej, trattament li jikkonsisti mill-fermentazzjoni jew il-maturazzjoni naturali ta' mhux inqas minn disa' xhur u li jkun jirriżulta fil-karatteristiċi li ġejjin:

— valur A_w ta' mhux aktar minn 0,93,

— valur pH ta' mhux aktar minn 6,0.

E = Fil-każ ta' prodotti tat-tip "laħam immnixxef" (*biltong*), trattament biex jinkiseb:

— valur A_w ta' mhux aktar minn 0,93,

— valur pH ta' mhux aktar minn 6,0.

F = Trattament tas-sħana li jiżgura li temperatura ċentrali ta' mill-inqas 65 °C tintlaħaq għal tul ta' żmien, skond kif ikun meħtieġ, biex jinkiseb valur ta' pasturizzazzjoni (pv) ugwali għal jew aktar minn 40

ANNEX III

(Mudell ta' ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika għalprodotti tal-laħam maħsuba biex jiġu kkunsinjati lejn il-Komunità Ewropea minn pajjiżi terzi) (*)

Mudell PRODOTT TAL-LAĦAM

1. Kunsinjatarju (isem u indirizz sħiħ)	ĊERTIFIKAT VETERINARJU għal prodott tal-laħam ⁽¹⁾ , fil-Komunità Ewropea Nru ⁽²⁾ ORIĠINALI
2. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ)	3. Oriġini tal-prodott tal-laħam ⁽³⁾ 3.1 Pajjiż: 3.2 Kodiċi tat-territorju:
5. Id-destinazzjoni maħsuba tal-prodott tal-laħam 5.1 Stat Membru ta' l-UE: 5.2 Stabbiliment: Isem u Indirizz: Numru ta' l-approvazzjoni jew reġistrazzjoni (fejn ikun jgħodd):	4. Awtorità Kompetenti 4.1 Ministeru: 4.2 Servizz: 4.3 Livell lokali/reġjonali:
7. Mezzi ta' trasport u l-identifikazzjoni tal-kunsinjja ⁽⁴⁾ 7.1 [Trakk]/ [Vagun tal-ferrovija]/[Vapur]/[Ajruplan] ⁽⁵⁾ 7.2 Numru(i) ta' reġistrazzjoni, l-isem tal-vapur jew in-numru tat-tijira: ⁽⁴⁾	6. Indirizz(i) u n-numru ta' l-approvazzjoni veterinarja ta':⁽⁶⁾ 6.1 Stabbiliment(i) li jforni(u) laħam frisk: 6.2 L-istabbiliment tal-prodott tal-laħam: 6.3 L-istabbiliment tal-ħażna
8. L-identifikazzjoni tal-prodott tal-laħam 8.1 Indika l-ispeċi ta' l-oriġini tal-laħam(laħmijiet) użati fil-prodott tal-laħam (<i>l-ispeċi ta' l-animall</i>) ⁽⁷⁾ :	
Speċi domestiċi: Bovini <input type="checkbox"/> Ovini <input type="checkbox"/> Kaprini <input type="checkbox"/> Porċini <input type="checkbox"/> Solipedi <input type="checkbox"/> Tjur <input type="checkbox"/> speċifika	
Annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet: Bid-difer mifruq (barra l-ħnieżer) <input type="checkbox"/> (speċifika); Ħnieżer <input type="checkbox"/> Tjur <input type="checkbox"/> (speċifika); Fniek <input type="checkbox"/> Leporidae oħra <input type="checkbox"/> (speċifika);	
Annimali tal-kaċċa salvaġġi: Bid-difer mifruq (barra l-ħnieżer) <input type="checkbox"/> (speċifika); Ħnieżer <input type="checkbox"/> Tjur <input type="checkbox"/> (speċifika); Solipedi <input type="checkbox"/> Leporidae <input type="checkbox"/> (speċifika); Oħrajn <input type="checkbox"/> (speċifika);	
8.2 Deskrizzjoni tal-prodotti tal-laħam: 8.3 In-natura tal-biċċiet: 8.4 In-natura ta' l-ippakkjar: 8.5 In-numru ta' biċċiet jew pakketti: 8.6 It-temperatura meħtieġa għall-ħażna u t-trasport: 8.7 Iż-żmien tal-ħażna: 8.8 Il-piż nett:	

(*) Bla preġudizzju għall-kriterji speċifiċi ta' ċertifikazzjoni li jeżistu fil-ftehim tal-Komunità ma' pajjiżi terzi.

<p>9. Iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimal</p> <p>Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:</p>		
<p>9.1. Il-prodott tal-laħam fih il-kostitwenti tal-laħam li ġejjin u jilħaq il-kriterji murija hawn taħt:</p>		
Speċi (A)	Speċi (B)	Speċi (C)
<p>(A) Niżżel il-kodiċi għall-ispeċi rilevanti tal-laħam fejn BOV = annimali bovini domestiċi (<i>Bos Taurus</i>, <i>Bison bison</i>, <i>Bubalus bubalus</i> u r-razez imħallta tagħhom); OVI = nagħaġ domestiċi (<i>Ovis aries</i>) u mogħoż (<i>Capra hircus</i>); EQI = żwiemel domestiċi (<i>Equus caballus</i>, <i>Equus asinus</i> u r-razez imħallta tagħhom), POR = annimali porċini domestiċi (<i>Sus scrofa</i>); RAB = friek domestiċi, PFG = tjur domestiċi u annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija fl-irziezet, RUF annimali mhux domestiċi mrobbija fl-irziezet għajr than il-ħnieżer u s-solipedi; RUW = annimali salvaġġi għajr is-suidae u s-solipedi; SUW = suidae salvaġġi mhux domestikati; EQW = solipedi salvaġġi mhux domestikati, WLP = leporidae salvaġġi, WGB = tjur tal-kaċċa salvaġġi.</p>		
<p>(B) Niżżel A, B, C, D, E jew F għat-trattament meħtieġ kif speċifikat u definit fil-Partijiet 2, 3 u 4 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE [din id-deċiżjoni].</p>		
<p>(C) Niżżel il-kodiċi ta' l-ISO tal-pajjiż ta' l-oriġini u, fil-każ ta' tqassim f'reġjuni skond il-liġi tal-Komunità għall-kostitwenti rilevanti tal-laħam, ir-reġjun kif muri fil-Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE [din id-deċiżjoni].</p>		
<p>(⁵) 9.2 Il-prodott tal-laħam deskritt f'9.1 kien imħejji minn laħam frisk ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, solipedi, annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u salvaġġi ta' dawn l-ispeċi, u l-laħam frisk użat fil-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam:</p> <p><i>jew</i> [9.2.1 għadda minn trattament non-speċifiku kif speċifikat u definit taħt il-punt A fil-Parti 4 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE (din id-deċiżjoni) u:] (⁵)</p> <p><i>jew</i> [9.2.1.1 jilħaq il-kriterji dwar saħħet l-annimali u dik pubblika stabbiliti fiċ-ċertifikat(i) tas-saħħa xieraq(xierqa) fl-Anness II Parti 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE, u ġej minn pajjiż terz, jew minn parti ta' pajjiż terz fil-każ ta' tqassim f'reġjuni skond il-liġi tal-Komunità, kif deskritt fil-kolonna rilevanti tal-parti 2 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 2004/432/KE (din id-deċiżjoni);] (⁵)</p> <p><i>jew</i> [9.2.1.1 ġej minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea;] (⁵)</p> <p><i>jew</i> [9.2.1 jilħaq kwalunkwe kriterju miftiehem taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/99/KE u għadda mit-trattament speċifiku stabbilit għall-pajjiż terz ta' l-oriġini, jew għall-parti minnu, għal-laħam ta' l-ispeċi kkonċernata fil-Partijiet 2 jew 3 (skond kif xieraq) ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE (din id-deċiżjoni);] (⁵)</p>		
<p>(⁵) 9.3 Il-prodott tal-laħam deskritt f'9.1 li kien imħejji minn laħam frisk ta' tjur domestiċi li:</p> <p><i>jew</i> [9.3.1 għadda minn trattament non-speċifiku kif imfisser u definit taħt il-punt A fil-Parti 4 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE (din id-deċiżjoni) u:] (⁵)</p> <p><i>jew</i> [9.3.1.1 jilħaq il-kriterji tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE;] (⁵)</p> <p><i>jew</i> [9.3.1.1 ġej minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea u jilħaq il-kriterji ta' l-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE;] (⁵)</p> <p><i>jew</i> [9.3.1 ġej minn pajjiż terz li huwa msemmi fl-Anness II, il-Kapitolu I, għad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE u għadda minn trattament speċifiku stabbilit għall-pajjiż terz ta' l-oriġini, jew għal parti minnu, għal-laħam ta' l-ispeċi kkonċernata fil-Partijiet 2 jew 3 (skond kif xieraq) ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE (din id-deċiżjoni);] (⁵)</p>		
<p>(⁵) [9.4 fil-każ ta' prodotti tal-laħam li ġejjin minn laħam frisk ta' leporidae jew mammali oħra ta' l-art: jilħaq il-kriterji rilevanti dwar saħħet l-annimali u dik pubblika stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE];</p>		
<p>9.5 il-prodott tal-laħam:</p>		
9.5.1	[jikonsisti f'laħam u/jew prodotti tal-laħam li ġejjin minn speċi waħda, u għadda minn trattament li jilħaq il-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE (din id-deċiżjoni);]	
<i>jew</i> (⁵) 9.5.1	[jikonsisti f'laħam ta' aktar minn speċi waħda fejn, wara t-taħlit tal-laħmijiet flimkien, il-prodott kollu wara jkun għadda minn trattament li mill-inqas huwa ugwali għall-aktar trattament iebes meħtieġ għal kwalunkwe komponenti individwali ta' laħam li jkun hemm fil-prodott tal-laħam, hekk kif stabbilit fl-Anness II għal 2004/432/KE (din id-deċiżjoni);]	
<i>jew</i> (⁵) 9.5.1	[ġie mħejji minn laħam, ta' aktar minn speċi waħda, fejn kull wieħed mill-laħmijiet kostitwenti jkun għadda minn qabel minn trattament qabel it-taħlit li jkun laħaq il-kriterji tat-trattament rilevanti għal-laħam ta' dik l-ispeċi, kif stabbilit fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE (din id-deċiżjoni)];] (⁵)	

9.6 wara t-trattament, ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex tiġi evitata kull kontaminazzjoni.

(⁵) [9.7 Garanziji addizzjonali:

fil-każ ta' prodotti tal-laħam tat-tjur li ma jkunux għaddew minn trattament speċifiku u huma maħsuba għal Stati Membri jew għal reġjuni ta' dawn magħrufa skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE, il-laħam tat-tjur kien ġej minn tjur li ma kinux tlaqqmu b'vaċċin ħaj kontra l-marda tan-Newcastle fit-30 jum qabel il-qatla;]

10. (⁵) (⁹) **Ċertifikazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika**

10.1 it-tikketta mwaħħla fuq il-pakkett tal-prodotti tal-laħam deskritti fuq, għandha marka li turi li l-prodotti tal-laħam ġejjin kollha minn laħam frisk ta' animali maqtula f'biċċerji approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea jew minn animali maqtula f'biċċerija apposta biex il-laħam jitpoġġa għat-trattament meħtieġ kif stabbilit fil-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

10.2 il-prodotti tal-laħam bħala tali ġew aċċettati bħala tajbin għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni veterinarja li saret fuqhom skond il-kriterji tad-Direttiva 72/462/KEE;

10.3 il-prodotti tal-laħam ġew minn laħam tal-majjal li [kien][ma kienx] suġġett għal eżami għat-trikinozi, u fil-każ ta' l-aħħar, għadda minn trattament kiesaħ;


10.4 il-mezzi tat-trasport u l-kundizzjonijiet tat-tagħbija tal-prodotti tal-laħam ta' din il-kunsinja jilhqnu l-kriterji ta' l-indafa stabbiliti fejn għandha x'taqsam l-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea;

10.5 il-prodotti tal-laħam ġew minn laħam li kien jilħaq il-kriterju tal-Kapitolu III tad-Direttiva 72/462/KEE u dawk ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 77/99/KEE, jew li nkisbu taħt id-deroga fl-Artikolu 21a (2) tad-Direttiva 72/462/KEE.

11. (⁵) (¹⁰) **Jiena qrajt u fhimt l-Anness II, il-Kapitolu I** tad-Direttiva 92/118/KEE (kif emendata l-aħħar), inklużi d-dispożizzjonijiet speċifiċi li hemm f'dak il-Kapitolu u li jgħoddu għall-prodotti tal-laħam deskritti f'9.1, u niċċertifika li l-prodotti deskritti f'9.1 jilhqnu l-kriterji li hemm f'dak il-Kapitolu.

12. **Timbru uffiċjali u firma**

Magħmul fi nhar



.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali)

.....
(isem b'ittri kbar, il-kwalifika u t-titlu)

Noti

(¹) Prodotti tal-laħam kif stabbilit fl-Artikolu 2 (a) tad-Direttiva 77/99/KEE.

(²) Maħruġ mill-awtorità kompetenti.

(³) Pajjiż u deskrizzjoni tat-territorju kif jidher fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE (kif emendata l-aħħar).

(⁴) In-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-vapur għandu jingħata kif xieraq. Jekk ikun magħruf, in-numru tat-titjira ta' l-ajruplan.

(⁵) Żomm kif xieraq.

(⁶) Imla kif xieraq.

(⁷) Immarka l-kaxxa kif xieraq.

(⁸) Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar. L-istess regola tgħodd għat-timbru ħlief għal dawk li jkunu mbuzzati jew bil-*watermark*.

(⁹) Fil-każ ta' prodotti tal-laħam li jkun fihom laħam ta' animali bovini, ovini, kaprini, porċini, solipedi, animali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet jew salvaġġi ta' dawn l-ispeċi.

(¹⁰) Fil-każ ta' prodotti tal-laħam li jkun fihom laħam ta' tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet jew salvaġġi, fniek u leporidae salvaġġi.

ANNEX IV

(Transitu u/jew ħażna)

Mudell TRANSITU/ĦAŻNA

<p>1. Kunsinjatarju (isem u indirizz sħiħ) </p>	<p style="text-align: center;">ĊERTIFIKAT VETERINARJU għal prodott tal-laħam ⁽¹⁾, għal [transitu]/[ħażna] ⁽²⁾ ⁽⁸⁾ fil-Komunità Ewropea</p> <p style="text-align: center;">Nru ⁽³⁾ ORIGĠNALI</p>																																								
<p>2. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ) </p>	<p>3. Oriġini tal-prodott tal-laħam ⁽⁴⁾</p> <p>3.1 Pajjiż:</p> <p>3.2 Kodiċi tat-territorju:</p>																																								
<p>5. Id-destinazzjoni maħsuba [għat-/transitu]/[għall-ħażna] ⁽⁸⁾ tal-prodott tal-laħam</p> <p>5.1 Ħażna fi:</p> <p>Stat Membru ta' l-UE:</p> <p>Isem u indirizz sħiħ ta' l-istabbiliment ⁽⁶⁾ ⁽¹⁰⁾: </p> <p>5.2 Destinazzjoni finali tat-transitu għal pajjiż terz ⁽¹⁰⁾: L-isem u l-indirizz tal-BIP tal-Fruġ mill-Komunità ⁽¹⁰⁾: </p>	<p>4. Awtorità Kompetenti</p> <p>4.1 Ministeru:</p> <p>4.2 Servizz:</p> <p>4.3 Livell lokali/reġjonali:</p>																																								
<p>7. Mezzi ta' trasport u l-identifikazzjoni tal-kunsinja ⁽⁷⁾</p> <p>7.1 [Trakk]/[Vagun tal-ferrovija]/[Vapur]/[Ajruplan] ⁽⁸⁾</p> <p>7.2 Numru(i) ta' reġistrazzjoni, l-isem tal-vapur jew in-numru tat-tjira: </p>	<p>6. Il-Post tat-tagħbija għall-esportazzjoni </p> <p>7.3 Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinja ⁽⁹⁾: </p>																																								
<p>8. L-identifikazzjoni tal-prodott tal-laħam</p> <p>8.1 Laħam minn: <i>(l-ispeċi ta' l-animall)</i></p> <p>8.2 Temperatura jew trattament ieħor applikat għall-prodott tal-laħam: ⁽⁵⁾</p> <p>8.3 Identifikazzjoni individwali tal-prodott tal-laħam inkluż f'din il-kunsinja:</p> <table border="1" style="width:100%; border-collapse: collapse; margin-top: 10px;"> <thead> <tr> <th style="width:15%;">Natura ⁽⁹⁾</th> <th style="width:40%;">Isem u indirizz ta' l-istabbiliment(i)</th> <th style="width:15%;">Numbru ta' pakketti/biċċiet</th> <th style="width:30%;">piż nett (kg)</th> </tr> </thead> <tbody> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr> <td colspan="2" style="text-align: right;">Total</td> <td> </td> <td> </td> </tr> </tbody> </table>		Natura ⁽⁹⁾	Isem u indirizz ta' l-istabbiliment(i)	Numbru ta' pakketti/biċċiet	piż nett (kg)																																	Total			
Natura ⁽⁹⁾	Isem u indirizz ta' l-istabbiliment(i)	Numbru ta' pakketti/biċċiet	piż nett (kg)																																						
Total																																									


9. Ċertifikazzjoni dwar saħħet l-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, qed niċċertifika hawnhekk li l-prodott tal-laħam deskritt fuq:

- 9.1 ġej minn pajjiż jew reġjun awtorizzat għall-importazzjonijiet fil-KE, kif stabbilit fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/432/KE [din id-Deċiżjoni], fiż-żmien li fih l-annimali li minnhom ġej il-laħam tal-prodott tal-laħam setgħu jinqatlu u
- 9.2 huwa konformi mal-kundizzjonijiet rilevanti tas-saħħa ta' l-annimal, kif stabbilit fiċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimal fil-mudell taċ-ċertifikat li jidher fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2004/432/KE [din id-Deċiżjoni]

10. Timbru uffiċjali u firma

Magħmul fi nhar



.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) (11)

.....
(isem b'ittri kbar, il-kwalifiki u t-titlu)

Noti

- (1) Il-prodotti tal-laħam kif stabbilit fl-Artikolu 2 (a) tad-Direttiva 77/99/KEE.
- (2) Skond l-Artikolu 12 (4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE.
- (3) Maħruġ mill-awtorità kompetenti.
- (4) Pajjiż u deskrizzjoni tat-territorju kif jidher fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE [din id-Deċiżjoni] (kif emendata l-aħħar).
- (5) Deskrizzjoni tat-trattament applikat kif stabbilit fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE [din id-Deċiżjoni] (kif emendata l-aħħar).
- (6) Jrid jitniżżel l-indirizz (u n-numru ta' l-approvazzjoni jekk magħruf) tal-maħżen f'żona ħielsa, maħżen ħieles, maħżen tad-dwana jew tal-bejjiegħ ta' provvisti għall-vapuri.
- (7) In-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-vapur għandu jingħata skond il-każ. Jekk ikun magħruf, in-numru tat-titjira ta' l-ajruplan.
Fil-każ ta' ġarr fil-*containers* jew kaxxi, għandhom jitniżżlu taħt il-punt 7.3 l-għadd sħiħ tagħhom, kif ukoll in-numri tar-reġistrazzjoni u tas-siġilli tagħhom, jekk ikunu preżenti.
- (8) Żomm kif xieraq.
- (9) Imla jekk ikun xieraq.
- (10) Id-data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma jiġux awtorizzati meta dan jinkiseb minn annimali li jkunu nqatlu jew qabel id-data tal-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea tat-territorju msemmi taħt (4), jew matul perijodu fejn ikunu ġew adottati miżuri ristrettivi mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju. Imla kif xieraq.
- (11) Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar. L-istess regola tgħodd għat-timbru, ħlief għal dawk li jkunu imbazzati jew bil-*watermark*.